MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 92/2002/1

**Avviz numru 92/02DM**

**Michelle Pace bhala mandatrici specjali ta' Southern Syringe Services Limited**

**Vs**

**Surgiquip Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet l-kundanna tal-kumpanija konvenuta sabiex thallas is-somma ta' erbat'elef disa' mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm4943) ekwivalenti ghal sebat'elef u hames mija u sitta u sebghin lira sterlina u tnejn u erbghin soldi (GBP 7576.42) liema somma hija ekwivalenti ghal erbat'elef disa' mija sitta u tletin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm4936.74) skond ir-rata tal-kambju mahruga llum mill-Bank Centrali ta' Malta, jew somma verjuri, liema somma

hi dovuta lill-kumpanija Southern Syringe Services Limited bhala bilanc minn ammont akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fuq ordni taghha stess.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali li sal-lum jammonta ghal tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm32.91) oltre imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccipiet illi:

1 It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont pretiz mhux dovut kif kontemplat fl-avviz odjern;

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro talba tas-socjeta' konvenuta fejn tablet li din il-Qorti illi:

1 Tillikwida u tordna hlas ta' danni li soffriet s-socjeta' konvenuta minhabba nuqqasijiet serji da parti tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, inkluz merkanzija ordnata mis-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici li kienet tardiva u dan f'aktar minn okkazzjoni wahda, kontra s-socjeta' attrici bl-ispejjez, u li minn issa ngunta ghas-subizzjoni;
2 Ghal skopijiet ta' kompetenza, id-danni sofferti huma aktar minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) u anqas minn hames t'elef lira Maltija (LM5,000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Michelle Pace nomine ghall-kontro-talba ta' Surgiquip Limited fejn eccepiet illi:

1 Talbiet fil-kontro-talba tal-kumpanija konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li tali talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
3 Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda t-talba attrici, ghall-hlas tal-bilanc dovut mill-prezz ta’ merci mibjugha u konsenjati mill-atturi lill-konvenuti u li dwarhom ipprezentaw il-kont iddettaljat (dokument ‘E2’ a fol. 33) ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenuti.

Infatti Joseph Saliba, direttur tas-socjeta’ konvenuta u rappresentant taghha, fid-depozizzjoni tieghu tat-22 ta’ Jannar, 2003, (a fol. 52 tal-process) iddikjara illi “l-ammont li qeghdin jippretendu l-atturi b’dan l-avviz, fis-somma ta’ erba’ t’elef, disa’ mija, tlieta u erbghin lira Maltin (Lm4943) huwa pressapoco korrett ghal dak li ghandu x’jaqsam ghall-ammonti li ghadhom dovuti lilhom bhala bilanc ta’ prezz” u ghalkemm jaghmel riserva dwar prezz ta’ merkanzija ‘*Medasil Tubing’* li kien ircieva bi zball ghall-valur ta’ elf sitt mija u sebgha lira Sterlina (GBP 1607) jirrizulta li, almenu sa Dicembru 1999, huwa kien diga’ hallas il-prezz ta’ l-istess konsenja u dan jammettih fid-depozizzjoni tieghu tal-25 ta’ Gunju, 2003, a fol. 81 tal-process.

L-istess Joseph Saliba jiddikjara li halla il-bilanc ta’ erba t’elef u disa’ mitt lira pendenti u mhux imhallas sabiex dan jaghmel tajjeb ghall-ammont ekwivalenti illi huwa jikkalkola li l-kumpanija konvenuta ghandha tiehu minghand il-kumpanija attrici.

Ghalhekk jispetta biss li l-kumpanija konvenuta tipprova dan il-kreditu li hija tippretendi u talbet fil-kontro-talba.

Ghal dan il-fini Joseph Saliba elenka d-diversi partiti li fihom kien qed jippretendi li l-kumpanija konvenuta ghandha tigi kkompensata bhala s-segwenti:

1. Rifuzjoni ta’ elf, sitt mija u sebgha liri Sterlini (GBP 1607) valur ta’ ‘*Medasil Tubing’* li gew ritornati lill-atturi;
2. Penali inkorsi mill-konvenuti minhabba konsenja tardiva da parti ta’ l-atturi;
3. Danni sofferti mill-kumpanija konvenuta minhabba xi in adempjenzi ta’ l-atturi, fir-rigward ta’ xi negozju ma’ kumpanija estera fil-Libja.

Dwar ir-rifuzjoni ghall-prezz ta’ merkanzija (‘*Medasil Tubing’*) jirrizulta effettivament li din inbaghtet bi zball mill-attur li kienu skambjaw talba ghal stima ma’ ordni tal-kumpanija konvenuta.

Izda jirrizulta ukoll illi l-konvenuti mhux biss qatt ma accennaw li ma kienux ser jaccettaw il-merkanzija, izda fl-ittri taghhom (ara dok. ‘B1’) indikaw li kienu ser joffru l-istess merkanzija ghall-bejgh u sahansitra kienu hallsu l-prezz taghha minghajr ebda ilment ulterjuri.

Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jippretendu li jirrexindu bejgh validament konkjuz ghar-raguni biss li unilateralment, sentejn wara, kkonnsenjaw l-istess merkanzija ghand terzi u talbu biex l-atturi jirtirawha.

Ghalhekk tali pretenzjoni ghal din ix-xorta ta’ rifuzjoni mhux gustifikata, u ma tistax tigi accettata.

Dwar hlas ta’ penalijiet inkorsi minhabba konsenja tardiva, il-konvenuti jridu jippruvaw fl-ewwel lok ftehim espress ma’ l-atturi dwar terminu stabbilit ghal kull konsenja tal-merkanzija ordnata, kif ukoll jippruvaw li l-konsenja ta’ kull partit saret tardivament billi waslet Malta f’data specifika oltre t-terminu espressament pattwit, u in segwitu jippruvaw li fuq kull konsenja specifika tardiva giet imposta xi penali ghal dak il-perjodu li fih damet ma tasal Malta l-merkanzija (u mhux jekk kienu l-konvenuti tardivi fil-konsenja lill-klijenti taghhom, bil-merkanzija fil-pussess taghhom) u inoltre jridu jippruvaw li l-atturi kienu nfurmati

b'tali penali a karigu taghhom u li gew interpellati ghal daqshekk .

Minn dawn il-provi l-konvenuti ma gabu xejn ghas-sodisfazzjon tal-Qorti; infatti Alena Trimmer, ghall-kumpanija attrici, tikkontesta bil-gurament illi qatt ma sar xi ftehim dwar dati ta' konsenja, u anzi ssostni li l-atturi kienu huma stess jindikaw meta setghu jikkonsenjaw u l-konvenuti kienu liberi li jikkonfermaw jew jikkancellaw l-ordni.

Inoltre, fil-korrispondenza esibita mill-konvenuti ghalkemm sar accenn li kienu qeghdin jehlu xi penali qatt ma ndikaw li b'xi mod kienu qed izommu lill-atturi responsabbli ghal dawn il-hlasijiet.

Oltre dan jekk id-dokumenti 'MTD 3' jitqiesu li ghandhom x'jaqsmu ma' xi merkanzija mixtrija minghand l-atturi (billi prova ta' dan ma tirrizultax) jirrizulta li l-konvenuti nkorrew il-maggor parti tal-penalijiet bejn l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u l-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u xorta wahda kienu ssaldaw il-kontijiet ma' l-atturi fejn kien jirrigwarda l-konsenji relattivi minghajr ebda riserva.

Fuq kollox Joseph Saliba jammetti li qatt ma nterpella lill-atturi ghall-hlas ta' xi penali u wisq inqas ma kkwantifika x'kien qed jippretendi qabel ma nbdew il-proceduri gudizzjari.

Ghaldaqstant din il-pretensjoni tal-konvenuti espressament ikkontestata mill-atturi ma tirrizultax li hija fondata u qed tigi respinta. L-istess ghandu jinghad ghall-pretensjoni tal-konvenuti ghal xi danni in konnessjoni ma' xi negozju fallut, ma' xi kumpanija Libjana.

'Invoice' mahruga unilateralment mill-kumpanija konvenuta ma tikkostitwix prova ta' xi kreditu kontra l-atturi, li minn naha taghhom jirrespingu tali pretensjoni, u ghalkemm l-atturi jammettu xi kuntatt mall-konvenuti dwar tali kuntratt, huma ghamlu tajjeb ghall-ispejjez fis-somma ndikata mill-konvenut fl-'incvoice' tieghu tat-3 ta' Gunju,

1999, fis-somma ta' sitt mija, sitta u erbghin lira Sterlina (GBP 646) (ara dokumenti 'D 2' u 'D 3').

Anke f'dan ir-rigward biex il-konvenuti setghu jipprovaw il-pretensjoni taghhom, huma riedu fl-ewwel (1) lok jipprovaw bic-car x'kien il-ftehim ma' l-atturi, jipprovaw li l-atturi kissru dan il-ftehim u jipprovaw li minhabba dan il-ksur tal-ftehim huma soffrew danni li riedu jigu dettaljatament specifikati.

Mhux talli ma ghamlu xejn minn dan, anzi l-konvenuti jippretendu li ma jsemmu xejn fit-talba ghall-ispejjez li ghamlu fit-3 ta' Gunju,1999, u li taghhom thallsu u li mbaghad iqajjmu f'din il-pretensjoni tad-danni meta l-atturi bdew jiehdu passi biex jigbdu l-bilanc dovut billi jipprezentaw 'invoice' datata 4 ta' Marzu, 2001, ghas-somma ta' elfejn, hamsa u sittin lira Sterlina (GBP 2065) li giet hawn indikata bhala dovuta ghall-'commission on Libyan tender as agreed at thirteen percent (13%) on US dollars 25608' u b'indikazzjoni unilaterali li l-atturi accettaw li jaghmlu dan il-hlas minghajr ebda prova dwar il-mertu nonostante l-kontestazzjoni ta' l-atturi bid-deposizzjoni ta' Alena Trimmer.

Ghaldaqstant, filwaqt li tichad il-kontrotalba tal-kumpanija konvenuta, il-Qorti tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta li thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' erbat'elef, disa' mija tlieta u erbghin liri Maltin ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, oltre l-imghax legali mid-19 ta' Dicembru, 2001.

Bl-ispejjez kollha kontra l-kumpanija konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------